**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 439/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

vs

**Raymond Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Raymond Buttigieg**, imwieled nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 1962 u residenti Memories, Triq Torri ta' Gorgun, Xewkija, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 38162(G) fejn huwa ġie akkużat talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tal-18.00hrs ġewwa l-Korsa taż-żwiemel tax-Xewkija, Għawdex, u fil-ġranet u ġimghat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Mario Spiteri biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;[1]

2. insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew mod ieħor lil Mario Spiteri;[2]

3. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mario Spiteri skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, il-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa

[1] Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta ' Awwissu 2022 għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' filghaxija (18.15hrs), il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati minn Mario Spiteri li ċertu Raymond Buttigieg kien qed jiġri warajh u jheddu li kien se joqtlu. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu lil Mario Spiteri ġo għalqa. Waqt li l-Pulizija kienu fuq il-post, Raymond Buttigieg mar jagħmel rapport l-Għassa li Mario Spiteri kien ipprovokah u anke indirizz kliem mhux oxxen fil-konfront tiegħu. Mario Spiteri min-naħa tiegħu mar l-Għassa fejn wera l-*video* li huwa kien irrikordja, fl-liema *video* jidher Raymond Buttigieg jiġri warajh u jindirizza theddid fil-konfront tiegħu. Il-Pulizija għalhekk ipproċediet billi ħarġet l-akkużi fil-konfront ta' Raymond Buttigieg.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 251(B) tal-Kap. 9</u>**

Jibda biex jingħad li element fundamentali u komuni għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-artikolu 251B huwa li jrid jkun hemm

*"a course of conduct"* da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'din id-disposizzjoni tal-liġi.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct ' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct*."[4]

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct.*"

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> "*How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

[4] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

B'rabta ma' din l-akkuża, ta' min jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>**,[5] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li dan il-każ jitratta incident ta' darba: dan joħroġ kemm mir-rapport oriġinali ta' Mario Spiteri u anke mix-xhieda li ta Spiteri quddiem din il-Qorti. Kien inċident li ma damx sejjer aktar minn żewġ minuti jew tlieta. Fix-xhieda tiegħu Mario Spiteri ma jsemmi l-ebda każ ieħor u x-xhieda tiegħu hija iffukata biss fuq dan l-inċident. Għalhekk ma jistax jingħad li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile ippruvaw il-*course of conduct* neċessarju għal sejbien ta' ħtija; anzi l-fatt li kien inċident ta' darba jeskludi l-possibilita ta' ħtija taħt dan l-artikolu. Għalhekk ma tistax tinstab ħtija għal din l-akkuża.

- **<u>It-Tieni u t-Tielet akkuza – Artikolu 339(1)(e)</u>**

Huwa ċar li it-tieni u t-tielet akkuża qed jirreferu għall-istess kontravvenzjoni, preċiżament dik ravviżata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Frendo</u>**[6] il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkummenta hekk fuq din il-kontravvenzjoni:

---

[5] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.
[6] Deċiża fis-7 ta' Lulju 1995.

> *"Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band 'oħra fil-Kodiċi, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta tal-istess agent."*

Il-Qorti kellha l-opportunita li tara l-*video* esebit u li ġie konfermat bil-ġurament minn Mario Spiteri. Jidher ċar li l-akkużat insulenta u hedded bi kliem lil Mario Spiteri u anke ipprova jmur għalih. Li Raymond Buttigieg ipprova jmur għal Mario Spiteri jammettieh wkoll l-istess Raymond Buttigieg fix-xhieda li huwa ta f'din il-kawża. Minn dak li stqarr Raymond Buttigieg jidher pero li dan l-inċident kien provokat minn Mario Spiteri stess fejn huwa għajjar lil Raymond Buttigieg. Kien dan it-tgħajjir li wassal lill-akkużat biex jiġri wara Mario Spiteri u biex l-akkużat jindirizza theddid u inġurji fil-konfront tal-istess Mario Spiteri. Infatti Raymond Buttigieg ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident mar l-Għassa tal-Pulizija biex huwa jagħmel rapport fuq il-każ.

Il-Qorti pero tqis li Raymond Buttigieg mar *overboard* fir-reazzjoni tiegħu għall-provokazzjoni ta' Mario Spiteri. Infatti huwa jidher li dam jiġri wara Mario Spiteri għal ċertu ħin u anke kompla għaddej b'diskors ta' theddid fil-konfront ta' Mario Spiteri u dan mingħajr waqfien. Għal Qorti dan ma jistax ħlief jfisser li Raymond Buttigieg eċċeda l-limiti tal-

provokazzjoni. Għalhekk din il-Qorti sejra issib ħtija fl-akkużat fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża. Għall-fini ta' piena pero l-Qorti sejra tqis ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern: (a) l-animosita bejn il-parte civile u l-akkużat żviluppat minħabba li l-parte civile beda relazzjoni extra maritali ma' bint l-akkużat u spiċċat tkissret familja minħabba f'hekk, punt li joħroġ wkoll mill-*video* esebit; (b) kien Mario Spiteri li inizjalment ipprovoka l-inċident.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużat Raymond Buttigieg** ħati tal-ewwel (1) akkuża u għalhekk qed tilliberah minnha;

(b) Wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 **qed issib lill-akkużat Raymond Buttigieg ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża** u qiegħda tikkundannaha għal ċanfira.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Mario Spiteri kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda tobbliga lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' ħames mitt ewro (€ 500).

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur